MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 970/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**vs**
**Ivan Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Ivan Galea ta' 28 sena bin il-mejjet David u Maria Assunta nee' Vella imwieled Pieta' fil-5 ta' Ottubru 1974 u residenti Blk. A, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta detentur ta' karta ta' identita numru 500774(m) akkuzat talli:

a. Fl-24 ta' Novembru 2002 ghall-habta ta' xi 16.15p.m., fi Triq Sant Ursola il-Belt Valletta kkommetta serq minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni COC102, Daihatsu Charade, ghad-dannu ta' Roderick Abela, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur tal-Artikoli 263, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq vettura COC102, ghad-dannu ta' Roderick Abela, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, kiser il-provvediment ta' l-Artikoli 5 u 9 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta' (Malta) li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mil-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D. datata 13/09/2001, mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. datata 22/11/2001, mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. datata 06/12/2001 u mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D. datata 30/04/2002 rispettivament.

d. sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla Numru 7 datata 28/01/1997, Awla Numru 2 datata 01/11/1997 u Awla Numru 4 datata 10/12/1998 u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat fl-udjenza tallum jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti semghet lill-ufficjal tal-probation, rat is-sentenzi esebiti, ikkonsidrat kemm il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat stqarr ix-xewqa li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni. Rat l-Art. 261(b)(c)(g), 264, 267, 268(g), 279, 280, 49, 50, 17, 325(b), 31 tal-Kap 9 u tiddecidi li tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Ghal finijiet tal-akkuza rigwardanti l-ksur tal-ordni tal-probation rat l-Artikolu 10 tal-Kap 152 u fit-termini tal-istess Artikolu qeghdha titratta ma' l-imputat ghar-reat li ghalih l-ordni jirreferi ossija l-ordni risultanti mis-sentenzi datati 13/09/2001, 22/11/2001. 06/12/2001, u 30/04/2002 u tikkundannah oltre is-sitt xhur prigunerija tal-odjerna akkuza ghal perjodu iehor ta' sitt xhur prigunerija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 9 wara li ikkonsidrat bhala raguni specjali l-fatt li l-imputat huwa gja possibbli ghal perjodu pjuttost konsiderevoli ta' prigunerija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------